**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 21 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Chantelle Casha**

**Vs**

**Grazio Ellul**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Grazio Ellul ta' 57, imwield Ghaxaq fit-2 ta' Dicembru 1957, bin Carmelo u Grazia nee' Abela, residenti Nru 4, MayFlower, Triq l-Ewwel ta' Jannar, 1626, Ghaxaq u detentur ta' karta tal-identita' numru 843957(M);

Talli bejn it-28 ta' Ottubru 2005 u t-28 ta' Ottubru 2010, minn gewwa l-fond 4, MayFlower, Triq l-Ewwel ta' Jannar, 1626, Ghaxaq, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Ikkommetta serq ta' elettriku li l-valur tieghu jeccedi l-€232.94 ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta , liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

2) Kif ukoll ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, jew ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 263, 264, 267, 270, 326 (1c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet li l-ammont dovut thallas fil-mori ta' dawn il-proceduri, u l-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tirtira l-kwerela kontra l-imputat, din il-Qorti tiddikjara dawn il-proceduri ezawriti.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**